

32007R0391

L 97/30

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

12.4.2007

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 391/2007

tal-11 ta' April 2007

li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 861/2006 rigward in-nefqa mġarrba mill-Istati Membri għall-implimentazzjoni ta' sistemi ta' monitoraġġ u kontroll applikabbli għall-Politika Komuni tas-Sajd

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 861/2006 tat-22 ta' Mejju 2006 ⁽¹⁾ li jistabbilixxi miżuri finanzjarji Komunitarji għall-implimentazzjoni tal-politika komuni tas-sajd u fil-qasam tal-Liġi tal-Baħar, b'mod partikolari l-Artikolu 31 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-Komunità ilha tiffinanzja azzjonijiet tal-Istati Membri fil-qasam tal-kontroll u infurzar tas-sajd mill-1990, b'konformità mal-għanijiet stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 2371/2002 ⁽²⁾;
- (2) Mingħajr inċentivi se jkun diffiċli li jinkiseb titjib għal sistema ta' kontroll effiċjenti fil-Komunità kollha, partikolarment meta fejn xieraq, ikollhom jiġu ttestjati u introdotti teknoloġiji ġodda.
- (3) L-evidenza turi li r-riżorsi tal-Istati Membri xorta għadhom mhux biżżejjed biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont ir-Regolament (KE) Nru 2371/2002. Partikolarment, qiegħda tintalab għajnuna Komunitarja biex tgħin lill-Istati Membri jgħelbu d-differenzi eżistenti fil-kontroll tas-sajd u l-kapaċitajiet ta' sorveljanza tagħhom;
- (4) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 861/2006 jipprovdi, fost azzjonijiet oħra, għal miżuri finanzjarji Komunitarji għan-nefqa li ssir fil-kontroll l-ispezzjoni u s-sorveljanza tas-sajd għall-perjodu 2007-2013;
- (5) L-Artikolu 8(a) tar-Regolament (KE) Nru 861/2006 jipprovdi lista ta' azzjonijiet meħuda mill-Istati Membri fil-qasam tal-kontroll u tal-infurzar tas-sajd li għandhom jiġu kkunsidrati bħala eliġibbli għal assistenza finanzjarja Komunitarja;
- (6) Fid-dawl tal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja soda, l-Istati Membri għandhom ikollhom indikazzjonijiet ċari tar-regoli li għandhom isegwu sabiex jibbenefikaw mill-għajnuna finanzjarja Komunitarja għan-nefqa li ssir fil-qasam tal-kontroll u tal-infurzar tas-sajd

- (7) Huwa neċessarju li jiġi żgurat li l-fondi Komunitarji disponibbli għal azzjonijiet bħal dawn jiġu allokatu b'mod effiċjenti bl-iskop li jitnaqqsu d-dgħufijiet b'tali mod li l-kontrolli jiġu mwettqa bi standard għoli;
- (8) L-Istati Membri għandhom jivvalutaw il-programmi tagħhom u l-impatt tan-nefqa tagħhom fuq il-kontroll, l-ispezzjoni u s-sorveljanza, kull sena u matul il-perjodu kollu bejn l-2007-2013;
- (9) Sabiex jiġu ssimplifikati l-proċeduri, mill-1 ta' Jannar 2007 talbiet għar-rimbors relatat ma' nfiq approvat abbażi tad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 1995/527 (KE) ⁽³⁾, 2001/431/KE ⁽⁴⁾ u 2004/465/KE ⁽⁵⁾, għandhom jiġu sot-tomessi skont l-Anness VI u VII għal dan ir-Regolament;
- (10) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għas-Sajd u l-Akkwakultura.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett

Ir-Regolament jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 861/2006 rigward il-kontribut finanzjarju tal-Komunità għan-nefqa mġarrba mill-Istati Membri għall-implimentazzjoni tas-sistemi ta' monitoraġġ u kontroll applikabbli għall-Politika Komuni tas-Sajd fil-perjodu 2007-2013.

Artikolu 2

Id-definizzjonijiet

Għall-fini ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (a) "Il-programm annwali ta' kontroll tas-sajd" ifisser programm annwali imfassal minn Stat Membri skont l-Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru 861/2006;

⁽³⁾ ĠU L 301, 14.12.1995, p. 30.

⁽⁴⁾ ĠU L 154, 9.6.2001, p. 22.

⁽⁵⁾ ĠU L 157, 30.4.2004, p. 114. Il-verżjoni kkoreġuta bil-ĠU L 195, 2.6.2004, p. 36.

⁽¹⁾ ĠU L 160, 14.6.2006, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59.

- (b) "L-impenn baġitarju" ifisser l-operazzjoni li twarrab l-appropjazzjonijiet meħtieġa biex ikopru pagamenti sussegwenti biex ikun onorat impenn legali.
- (c) "L-impenn legali" ifisser l-att li bih l-awtorità ta' awtorizzazzjoni tal-Istat Membru tidħol fi jew tistabbilixxi obbligu li jirriżulta f'nefqa.
- (b) tkun relatata mal-azzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 8(a) tar-Regolament (KE) Nru 861/2006.
- (c) tikkonċerna proġetti b'nefqa li taqbeż EUR 40 000, eskluż il-VAT, ħlief meta l-proġett jikkonċerna azzjoni msemmija fl-Artikolu 8(a)(ii) jew (v) tar-Regolament (KE) Nru 861/2006 jew meta jkun iġġustifikat b'mod xieraq;

Artikolu 3

Il-programmi annwali ta' kontroll tas-sajd

1. L-Istati Membri li jixtiequ jirċievu l-kontribut finanzjarju għan-nefqa mġarrba skont l-Artikolu 8(a) tar-Regolament (KE) Nru 861/2006 għandhom jinnotifikaw il-programm annwali ta' kontroll tas-sajd sal-31 ta' Jannar ta' kull sena.

2. Barra mill-informazzjoni rikjesta mill-Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru 861/2006, l-Istati Membri fil-programm tagħhom ta' kontroll tas-sajd, għal kull proġett, għandhom jiddikjaraw:

- (a) tbassir annwali tar-rimbors li jkun se jintalab;
- (b) il-miżuri previsti sabiex il-pubbliku jkun infurmat li l-proġett irċieva appoġġ finanzjarju mill-Komunità;
- (c) meta l-proġett jikkonċerna x-xiri u l-immodernizzar tal-bastimenti u l-inġenji tal-ajru: l-ispeċifikazzjoni tat-tip ta' bastiment jew ajruplan;
- (d) deskrizzjoni ta' kull mezz disponibbli mill-amministrazzjoni għall-monitoraġġ u l-kontroll tas-sajd, imfassla skont l-Anness I.
3. Regoli dettaljati rigward l-eliġibilità ta' ċerti azzjonijiet huma stipulati fl-Anness II, Iliu IV.

Artikolu 4

L-impenn tan-nefqa

L-Istati Membri għandhom jidħlu f'impenji legali u baġitarji għal azzjonijiet li ġew ikkunsidrati eliġibbli għall-kontribut finanzjarju skont id-deċiżjoni provduta fl-Artikolu 21 tar-Regolament (KE) Nru 861/2006 fi żmien 12-il xahar mill-aħħar tas-sena li fiha jkun għad innotifikati b'tali deċiżjoni.

Artikolu 5

Nefqa eliġibbli

Sabiex tkun eliġibbli għal rimbors, in-nefqa għandha:

- (a) tkun prevista fil-programm ta' kontroll tas-sajd, u

- (d) tkun riżultat ta' impenji legali u baġitarji li daħlu għalihom l-Istati Membri skont l-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament;
- (e) tikkonċerna proġetti implimentati skont l-Artikolu 8 ta' dan ir-Regolament.
- (f) tikkonforma mar-regoli Komunitarji speċifiċi, fejn japplikaw dawn ir-regoli.

Artikolu 6

Nefqa eliġibbli relatata ma' ċerti azzjonijiet

1. In-nefqa li tkun saret għal teknoloġiji ġodda ta' kontroll għandha tkun eliġibbli sakemm tkun saret b'mod konformi mal-Anness II u li tkun intużat għall-attivitajiet ta' monitoraġġ u kontroll tas-sajd, kif iddikjarat mill-Istati Membri kkonċernati.
2. In-nefqa li tkun saret għax-xiri u l-immodernizzar ta' inġenji tal-ajru u bastimenti għandha tkun eliġibbli sakemm tkun saret b'mod konformi mal-Anness III u li dawn ikunu qed jintużaw għall-attivitajiet ta' monitoraġġ u kontroll tas-sajd, kif iddikjarat mill-Istati Membri kkonċernati, tal-anqas għal 25 % tal-attività tagħhom.
3. In-nefqa li tkun saret għat-taħriġ u għall-programmi ta' skambju u dwar seminars u għodda tal-midja għandha tkun eliġibbli sakemm tkun saret b'mod konformi mal-Anness IV. Tali nfiq jista' jkopri, *inter alia*:

- (a) metodoloġija għas-sorveljanza tas-sajd;
- (b) leġislazzjoni Komunitarja li tikkontrolla l-Politika Komunitarja tas-Sajd u, partikolarment, il-kontroll;
- (c) l-użu ta' tekniki għall-kontroll tas-sajd;
- (d) l-implimentazzjoni mill-Istati Membri tas-sistema ta' kontroll applikabbli, skont ir-regoli tal-Politika Komunitarja tas-Sajd.

*Artikolu 7***Nefqa mhux eliġibbli**

1. In-nefqa ma għandiex tkun eliġibbli jekk tkun saret qabel l-1 ta' Jannar tas-sena li fiha jkun ġie sottomess il-programm annwali għall-kontroll tas-sajd lill-Kummissjoni
2. It-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT) m'għandiex tkun meqjusa bħala spiża eliġibbli għar-rimbors.
3. Il-lista indikativa ta' oġġetti li n-nefqa tagħhom ma tkunx eliġibbli hija stipulata fl-Anness V

*Artikolu 8***Implimentazzjoni tal-proġetti**

1. Il-proġetti għandhom jinbdew u jitlestew skont l-iskeda stipulata fil-programm annwali għall-kontroll tas-sajd.
2. L-iskeda għanda tistabbilixxi d-data prevista għall-bidu u għat-tmiem tal-proġetti.

*Artikolu 9***Nuqqas ta' implimentazzjoni u d-dewmien tal-proġetti**

Meta Stat Membru jiddeċiedi li ma jimplementax parti minn proġett jew proġett kollu li għalih tkun nġhatat kontribuzzjoni finanzjarja, jew isir xi dewmien, l-Istat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni bil-miktub, u jgħid:

- (a) l-implikazzjonijiet għall-programm annwali għall-kontroll tas-sajd tiegħu, inklużi dawk ta' natura finanzjarja;
- (b) ir-raġunijiet għad-dewmien jew tan-nuqqas ta' implimentazzjoni;
- (c) il-qafas ta' żmien ġdid previst għall-implimentazzjoni

*Artikolu 10***Avvanzi**

1. Fuq talba motivata ta' Stat Membru, il-Kummissjoni tista' tagħti somma bil-quddiem għal kull proġett li tkun sa 50 % tal-kontribut finanzjarju mogħtija permezz tad-deċiżjoni provduta fl-Artikolu 21 tar-Regolament (KE) Nru 861/2006. Is-somma mħallsa bil-quddiem għandha titnaqqas minn kwalunkwe pagament temporanju kif ukoll mill-pagament finali tal-kontribut finanzjarju, għal dak il-proġett, lill-Istat Membru kkonċernat.

2. It-talba mill-Istat Membru għandha tiġi akkumpanjata minn kopja ċċertifikata tal-kuntratt bejn l-amministrazzjoni rilevanti u l-fornitur.

3. Jekk ma jsirx impenn legali li jorbot mill-awtorità tal-Istat Membru fil-perjodu stabbilit fl-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament, kwalunkwe somma mħallsa bil-quddiem li tkun nġhatat għandha titħallas lura minnufih.

*Artikolu 11***Talba għal ħlas lura**

1. L-Istati Membri għandhom jissottomettu t-talbiet tagħhom għar-rimborż lill-Kummissjoni fi żmien disa' xhur mid-data li fiha tkun saret in-nefqa.

2. It-talbiet għar-rimborż għandhom jinkludu l-oġġetti mniżżlin fl-Anness VI u għandhom jiġu mfasslin skont il-formula stipulata fl-Anness VII.

3. Meta jippreżentaw it-talbiet għar-rimborż, l-Istati Membri għandhom jiverifikaw u jiċċertifikaw li n-nefqa tkun saret f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 861/2006, f'dan ir-Regolament u fid-deċiżjoni provduta fl-Artikoli 21 tar-Regolament (KE) Nru 861/2006, u mal-leġiżlazzjoni Komunitarja dwar l-ġhoti tal-kuntratti pubbliċi. It-talba għandha tinkludi stqarrija rigward l-akkuratezza u l-veraċità tal-kontijiet trażmessi, b'konformità mal-formola stabbilita fl-Anness VII.

4. Talbiet għal somma ta' anqas minn EUR 20 000 ma għandhomx jiġu pproċessati, sakemm mhux iġġustifikati kif jixraq. It-talbiet jistgħu jiġu mqassmin mill-ġdid fi gruppi.

5. Talbiet għal proġetti li ma kinux tlestew skont l-iskeda msemmija fl-Artikolu 8 ta' dan ir-Regolament jistgħu jiġu aċċettati biss jekk id-dewmien ikun iġġustifikat b'mod xieraq. Meta talbiet bħal dawn ma jiġux aċċettati, l-approprijazzjonijiet Komunitarji għandhom jiġu ddiżimpenjati.

6. Jekk il-Kummissjoni tikkonsidra li t-talbiet mħumiex konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 861/2006, f'dan ir-Regolament, fid-deċiżjoni provduta fl-Artikolu 21 tar-Regolament (KE) Nru 861/2006, jew mal-leġiżlazzjoni Komunitarja dwar l-ġhotja ta' kuntratti pubbliċi, hi għandha titlob lill-Istat Membru biex jissottometti l-osservazzjonijiet tiegħu dwar il-każ f'perjodu ta' żmien limitat. Jekk l-eżami jikkonferma n-nuqqas ta' konformità, il-Kummissjoni għandha tirrifjuta li tirrimborża n-nefqa kollha, jew parti minnha u, fejn jixraq, titlob għar-rimborż ta' ħlasijiet mhux dovuti.

Artikolu 12**Munita**

1. Il-programmi għall-kontroll ta' sajd, it-talbiet għal rimborż tan-nefqa u talbiet għal ħlas bil-quddiem għandhom jinħadmu f'Euro.

2. Ir-rimborż għandu jsir bl-Euro abbażi tar-rata ta' kambju ppublikata fis-serje C tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fil-ġurnata li toħroġ l-ordni ta' pagament jew tal-irkupru mid-dipartiment tal-Kummissjoni.

3. L-Istati Membri li ma jipparteċipawx fit-tielet stadju tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja għandhom jispeċifikaw ir-rata tal-kambju użata.

Artikolu 13**Verifiki u korrezzjonijiet finanzjarji**

L-Istati Membri għandhom ifornu lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri bi kwalunkwe informazzjoni li daww l-istituzzjonijiet jistgħu jitolbu għall-verifiki u l-korrezzjonijiet finanzjarji msemmija fl-Artikolu 28 tar-Regolament (KE) Nru 861/2006.

Artikolu 14**Rapporti mill-Istati Membri**

1. L-Istati Membri għandhom jibagħtu informazzjoni lill-Kummissjoni biex tkun tista' tivverifika kif ġie użat il-kontribut finanzjarju u tivvaluta l-impatt fuq il-kontroll, l-ispezzjoni u l-attivitajiet ta' sorveljanza tal-miżuri provduti fir-Regolament

2. L-Istati Membri għandhom ukoll:

- (a) jissottomettu, sal-31 ta' Marzu ta' kull sena, rapport ta' valutazzjoni intermedjarja lill-Kummissjoni dwar il-programm għall-kontroll tas-sajd tagħhom għas-sena ta' qabel li jkopri dan li ġej:
- (i) il-proġetti mlestija u r-rata ta' eżekuzzjoni tal-programm għall-kontroll tas-sajd;

(ii) previżjoni tat-talbiet għar-rimborż għas-sena attwali u dik ta' wara;

(iii) l-impatt tal-proġetti fuq il-programmi għall-kontroll tas-sajd, billi japplikaw l-indikaturi mniżżlin fil-programm;

(iv) kwalunkwe aġġustament li sar lill-programm għall-kontroll tas-sajd.

(b) Jissottomettu, sal-31 ta' Marzu 2014, rapport ta' valutazzjoni finali lill-Kummissjoni li jkopri dan li-ġej:

(i) il-proġetti li tlestew;

(ii) in-nefqa tal-proġetti;

(iii) l-impatt tal-programmi għall-kontroll tas-sajd, billi japplikaw l-indikaturi mniżżlin fil-programmi;

(iv) kwalunkwe aġġustament li sar lill-programmi għall-kontroll tas-sajd.

(v) l-impatt tal-kontribut finanzjarju fuq il-programmi għall-kontroll tas-sajd fuq il-perjodu 2007-2013 kollu.

Artikolu 15**Dispożizzjonijiet tranżizzjonali**

Sabiex jiġu ssimplifikati l-proċeduri, mill-1 ta' Jannar 2007 talbiet għar-rimbors relatat mal-kontribut finanzjarju għan-nefqa approvata abbażi tad-Deċiżjonijiet 1995/527 (KE), 2001/431/KE u 2004/465/KE, għandhom jiġu sottomessi f'konformità mal-Anness VI u VII għal dan ir-Regolament.

Artikolu 16**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidhul fis-seħħ fis-seba' jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 11 ta' April 2007.

Għall-Kummissjoni
Joe BORG
Membru tal-Kummissjoni

ANNEX I

Spjegazzjoni tal-mezzi disponibbli għall-istati Membri għall-monitoraġġ u l-kontroll tas-sajd

Id-deskrizzjoni tal-mezzi disponibbli għall-Istati Membri għall-kontroll tas-sajd, kif imsemmija fl-Artikolu 3(2) (d) ta' dan ir-Regolament, għandha tinkludi dan li ġej:

- (a) deskrizzjoni qasira tal-korpi amministrattivi responsabbli mill-kontroll tas-sajd fil-livell lokali, reġjonali u nazzjonali;
- (b) deskrizzjoni qasira tar-riżorsi umani, it-tagħmir (partikolarment l-għadd ta' bastimenti, inġenji tal-ajru u elikopters disponibbli) u l-azzjonijiet ewlenin li saru s-sena ta' qabel biex jitwettqu d-dmirijiet skont ir-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd;
- (c) Il-baġit annwali allokat għall-kontroll tas-sajd, maħdum f'Euro, bid-dettalji dwar investimenti u dwar spejjeż tal-operat tal-mezzi għall-kontroll tas-sajd (dejta skont il-kategorija; inklużi r-riżorsi umani).

ANNEX II

Lista indikattiva ta' oġġetti ta' nefqa eliġibbli relatati mal-implimentazzjoni tat-teknoloġiji ta' kontroll

L-infiq li ġej jitqies bħala eliġibbli:

- (a) ix-xiri, l-installazzjoni u l-assistenza għal, teknoloġiji tal-kompjuter u l-istabbiliment ta' netwerks tal-IT, inklużi l-kapaċità tar-remote sensing, biex ikun hemm skambju effiċjenti u ta' dejta protetta b'konnessjoni mal-monitoraġġ, il-kontroll u s-sorveljanza tal-attivitajiet tas-sajd. L-ispiża mġarrba għall-assistenza teknika hi koperta matul l-ewwel sentejn minn meta tkun saret l-installazzjoni.
- (b) ix-xiri u l-installazzjoni ta:
 - (i) tagħmir ta' lokalizzazzjoni awtomatika li jippermetti l-monitoraġġ ta' bastimenti mill-bogħod, minn ċentru ta' monitoraġġ tas-sajd permezz ta' sistema ta' monitoraġġ tal-bastimenti (VMS);
 - (ii) tagħmir elettroniku li jirrekordja u jirraporta, li jippermetti t-trażmissjoni ta' dejta relata mal-attivitajiet tas-sajd.

It-tagħmir irid ikun konformi mar-rekwiżiti stipulati fir-regoli Komunitarji rilevanti.
- (c) ix-xiri ta' kompjuters personali, tablet PCs u apparat diġitali ta' assistenza personali (PDAs) iddisinjati biex jaħżnu u jip-proċessaw dejta relatata mal-attivitajiet tas-sajd.
- (d) proġetti pilota relatati ma' teknoloġiji ġodda dwar il-kontroll ta' attivitajiet ta' sajd u l-implimentazzjoni tagħhom.

ANNEX III

Il-lista indikattiva ta' oġġetti ta' nefqa eliġibbli relatati max-xiri u l-immodernizzar ta' inġenji tal-ajru u bastimenti użati għal skopijiet ta' kontroll tas-sajd

L-infiq li ġej jitqies bħala eliġibbli:

- (a) Inġenji tal-ajru bil-ġwienaħ fissi, Vetturi ta' l-Ajru u elikopters mingħajr ekwipaġġ u t-tagħmir tagħhom iddisinjati għal skopijiet ta' kontroll. Partikolarment, it-tagħmir għad-detezzjoni, il-komunikazzjoni u n-navigazzjoni, u s-softwer li huwa installat abbord u li huwa parti mill-bastiment jew inġenju tal-ajru użat għall-ispezzjonar u għas-sorveljanza tal-attivitajiet ta' sajd u li jippermetti skambju ta' dejta bejn il-bastimenti jew l-inġenji tal-ajru u l-awtoritajiet ta' kontroll tas-sajd;
- (b) It-tagħmir li jieħu post tagħmir ieħor li jkun għadda żmienu iddisinjat biex ittejjeb l-effiċjenza tal-kontroll tas-sajd. In-nefqa imġarrba għall-modernizzar tal-kamra tal-magna, u tal-faċilitajiet ta' imbark u varar fil-kabina tat-tmun hija eliġibbli wkoll;
- (c) Dgħajjes tal-imbark (bħal seariders u RIBs), inkluż it-tagħmir installat, il-magni, davits u krejnijiet użati għall-varar (inklużi is-sistemi idrawliċi u l-installazzjoni), bidliet li jsir lill-bastiment prinċipali sabiex jadatta għad-dgħajjes tal-imbark (bħat-tisħiħ tal-gverta u tas-soprastruttura);
- (d) Oġġetti prinċipali għas-sistema ta' propulsjoni tal-bastiment, bħas-sistemi ta' skrejjen, il-gearboxes, u l-magni prinċipali ġodda u l-magni awżiljarji;
- (e) It-tagħmir li jassigura l-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet bħal tagħmir ta' kkriptar u decifraturi;
- (f) Kompjuters personali reżistenti għall-ilma installati abbord.

ANNEX IV

Il-lista indikattiva ta' oġġetti ta' nefqa eliġibbli relatati mat-taħriġ u l-programmi ta' skambju, is-seminars u l-istrumenti tal-midja

- (a) L-infiq li ġej jitqies bħala eliġibbli
 - (i) Il-kiri ta' kmamar għal-lekċers;
 - (ii) Ix-xiri jew il-kiri ta' tagħmir użat għat-taħriġ u għas-seminars;
 - (iii) Il-ħlas għall-għalliema li ma jkunux qed jaġixxu fil-kapaċità tagħhom ta' persuni fis-servizz ċivili Komunitarju jew ta' Stat Membru.
 - (iv) Spejjeż ta' vjaġġar u spejjeż ta' kuljum imġarrba minn spetturi, prosekuturi pubbliċi, imħallfin u sajjeda li jattendu l-korsijiet kif ukoll minn persunal tat-taħriġ;
 - (v) Kwalunkwe' nefqa relatata ma' xiri jew stampar ta' materjal meħtieġ għas-seminar, taħriġ jew kotba tal-midja, kartelluni, CDs, DVDs, vidjows, fuljetti, strixxuni.
- (b) In-nefqa hi eliġibbli jekk tikkonforma mar-regoli nazzjonali rilevanti.

ANNEX V

Il-lista indikattiva ta' oġġetti ta' nefqa mhux eliġibbli

L-infiq li ġej jitqies bħala mhux eliġibbli:

- (a) Kuntratti ta' kiri jew twellija;
 - (b) Tagħmir li mhux użat esklussivament għal skopijiet ta' kontroll tas-sajd, bħal kompjuters personali, laptops, skanners, printers, telefon ċellulari, l-istandards tat-telefon, walkie-talkies, rutelli tal-kejl, rigi u tagħmir simili ieħor, vidjows u kameras;
 - (c) Ħwejjeġ u żraben, bħal uniformijiet, tuti ta' protezzjoni, eċċ. u tagħmir personali ġenerali;
 - (d) Spejjeż tal-operat u ta' manutenzjoni, bħal spejjeż tat-telekomunikazzjoni, ta' interessi finanzjarji, poloz ta' assigurazzjoni, fjuwil;
 - (e) Spare parts meħtieġa biex kull oġġett eliġibbli jinżamm f'kundizzjoni tajba;
 - (f) Vetturi u muturi;
 - (g) Binjiet u siti;
 - (h) Salarji u indennità.
-

ANNEX VI

Il-kontenut ta' talbiet għal rifużjoni

Talbiet għar-rifużjonijiet għandhom jinkludu dan li ġej:

- (a) Ittra li tistipula l-ammont totali li għalih qed issir talba ta' rifużjoni. L-ittra għandha tistipula b'mod ċar:
 - (i) id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni li għaliha din tirreferi (l-Artikolu u l-Anness rilevanti);
 - (ii) l-ammont mitlub mill-Kummissjoni, f'Euro, eskluż il-VAT;
 - (iii) it-tip ta' talba (hłas ta' qabel il-finanzjament, pagament temporanju, hłas tal-bilanċ);
 - (iv) Il-kont bankarju li fih għandu jsir it-trasferiment.
- (b) dikjarazzjoni tan-nefqa, billi tintuża l-formola stabbilita fl-Anness VII (waħda għal kull deċiżjoni tal-Kummissjoni).
- (c) lista li tinkludi l-informazzjoni li ġejja:
 - (i) l-isem(ismijiet) tal-proġett(i) u r-referenza għall-programm(i) annwali tal-kontroll tas-sajd li minnha(minnhom) jagħmel(jagħmlu) parti;
 - (ii) ir-referenza għall-kuntratt li huma relatati miegħu l-fatturi;
 - (iii) lista tal-fatturi mehmużin li jirrelataw mal-proġett (in-numru tal-fatturi u l-ammonti, Eskluż il-VAT).
- (d) rigward kull proġett li għalih hemm talba ta' rifużjoni:
 - (i) kopja attestata jew oriġinali tal-fatturi;
 - (ii) ir-rata tal-kambju applikata, jekk il-fatturi ma jkunux ġew imfissra bl-Euro;
 - (iii) il-kopja oriġinali jew attestata tal-prova tal-pagament ta' kull fattura mehmuża;
 - (iv) dokument li jistipula l-hłas bin-nifs fil-ġejjieni (fejn japplika) u d-dati previsti tal-pagamenti tagħhom
 - (v) kopja attestata tal-kuntratt relatat ma' din il-fattura;
 - (vi) l-użu għas-sena kollha tal-bastiment, tal-inġenju tal-ajru jew tal-vettura tal-ajru mingħajr ekwipaġġ użati għall-kontroll tas-sajd, f'termini ta' persentaġġ u ta' ġranet;
 - (vii) Informazzjoni dwar l-għoti ta' akkwist pubbliku: Għandha tiġi mehmuża l-fotokopja tal-avviżi tas-sejħa għall-offerti ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*. Jekk l-avviżi ma jkunux ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, il-benefiċjarji għandhom jiċċertifikaw li l-leġiżlazzjoni Komunitarja dwar l-akkwisti pubbliċi ġiet irrispettata u għandhom jagħtu ġustifikazzjoni għala l-proċeduri Komunitarji ma jkunux ġew segwiti. In-nefqa mġarrba għal bastimenti u inġenji tal-ajru li se jintużaw kompletament jew parzjalment għal skopijiet ta' kontroll tas-sajd ma jstgħux igawdu minn eżenzjonijiet mir-regoli Komunitarji ta' akkwist b'referenza għal Artikolu 296 tat-Trattat li jistabbilixxi il-Komunita Ewropea.
 - (viii) Spjegazzjoni qasira tal-azzjoni, li tistipula fid-dettal l-għanijiet li ntlaħqu, akkumpanjata b'valutazzjoni qasira dwar l-impatt tal-investment fil-kontroll u s-sorvelljanza tas-sajd. Għandha tinkludi wkoll tbassir tal-użu tal-oġġetti fil-ġejjieni.
 - (ix) F'każ ta' nefqa fuq proġetti pilota jew strumenti tal-midja, għandu jiġi inkluż ir-rapport jew id-dokument finali.
 - (x) F'każ ta' taħriġ u seminars, għandha titniżżel kwalunkwe informazzjoni rilevanti dwar is-suġġett, il-kelliema u l-parteċipanti.

ANNEX VII

Dikjarazzjoni tan-nefqa

IMPLIMENTAZZJONI TA' SISTEMI TA' KONTROLL, SPEZZJONI U SORVELJAR
FL-ATTIVITAJIET TAS-SAJD

Kif hemm previst fl-Artikolu 11 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 391/2007

Deċiżjoni tal-Kummissjoni ta'/Nru _____

Referenza nazzjonali (jekk hemm) _____

Jiena, li ffirmajt hawn taħt _____ qiegħed nirrapreżenta lill-awtorità _____ reponsabbli mill-proċeduri finanzjarji u ta' kontroll rilevanti, hawnhekk niċċertifika, wara verifikazzjoni, li l-ammonti mniżżla aktar l-isfel jirrapreżentaw l-ispiża totali, imħallsa fl-20___, skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti, rigward proġetti approvati u jirreferu għal azzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 8(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 861/2006:

(a) Teknoloġija tal-kompjuter u netwerks tal-IT	_____ EUR (*)
(b) Apparati b'teknoloġija ta' kontroll remot u apparati elettroniku li jirrekordja u jirraporta	_____ EUR
(c) Proġetti pilota dwar teknoloġiji ġodda	_____ EUR
(d) Programmi ta' taħriġ u ta' skambju ta' persuni fis-servizz ċivili involuti f'attivitajiet ta' kontroll	_____ EUR
(e) Skemi pilota ta' spezzjoni u osservazzjoni	_____ EUR
(f) Valutazzjoni tan-nefqa pubblika fil-qasam ta' kontroll	_____ EUR
(g) Is-seminars u l-midja	_____ EUR
(h) L-akkwist u l-immodernizzar ta' bastimenti u inġenji tal-ajru	_____ EUR
	TOTAL _____ EUR

Jiena niċċertifika wkoll li d-dikjarazzjoni tan-nefqa hija eżatta u l-applikazzjoni għall-ħlas tikkunsidra kwalunkwe rkupru li sar.

L-operazzjonijiet saru skont l-oġġettivi stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill Nru 861/2006 u fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 391/2007, u bid-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002, partikolarment rigward:

- Konformità mal-kundizzjonijiet stipulati fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 391/2007 u fil-leġiżlazzjoni Komunitarja li tikkonċerna il-koordinazzjoni tal-proċeduri għall-għotja ta' xogħlijiet pubbliċi, ta' provvista u ta' kuntratti ta' servizz;
- L-applikazzjoni tal-proċeduri ta' ġestjoni u kontroll bil-mira li jiġu vverifikati l-kunsinna tal-prodotti u s-servizzi kofinanzjati u r-realtà tan-nefqa mitluba, u sabiex jiġu evitati, misjuba u msewwija l-irregolaritajiet, sabiex jiġu segwiti każijiet ta' frodi, u sabiex jiġu rkuprati ammonti mħallsa mhux dovuti.

Fl-aħħar, jiena niċċertifika li:

- Jien għadni ma rċevejtx pagament bil-quddiem għall-azzjoni(jiet) _____ imsemmija/imsemmijin aktar 'il fuq.

Id-dikjarazzjoni tan-nefqa hija eżatta.

Data,

L-isem b'ittri kbar, timbru, il-kariga
U l-firma tal-awtorità kompetenti

(*) Iċ-ċifra eżatta mqarriba għal żewġ punti deċimali.

(2) Ħassar kif xieraq.